**2 ta' Mejju, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

**Conċetta Farrugia**

***versus***

**Giorgio Gauci et.**

**Ċitazzjoni — Nullità — Ġudikat — Żgumbrament — Lokazzjoni — Sentenza — Eżekuzzjoni.**

*L-effetti ta' sentenza huma limitati għall-partijiet fil-kawża; u għalhekk ma tistgħax tiġi nvokata sentenza bħala ġudikat f'kawża magħmula kontra l-eredi ta' persuna li fil-kawża fejn ingħatat dik is-sentenza ma kienetx parti, imma kienet biss raġel li kien qiegħed jassisti lill-martu, li kienet parti fil-kawża.*

*Sakemm ma tiġix impunjata l-pretiża lokazzjoni, bil-mod li trid il-liġi, ma jistgħax jingħad li l-possessur tal-fond qiegħed jippossjedieh mingħajr titolu, u ma jistgħax għalhekk jintalab l-iżgumbrament tiegħu minn dak il-fond fuq il-motto li qiegħed jokkupah bla titolu.*

*Jekk mbagħad id-detentur tal-fond ikun wieħed minn diversi persuni li huma nteressati fil-lokazzjoni, iċ-ċitazzjoni għall-iżgumbrament ta' dak li qiegħed jokkupaha diretta kontra tiegħu biss hija irrita u nulla; għaliex hu jkun jokkupa parti nd'viża tal-fond, u bħala tali, anki jekk ikun ntruż jew bla titolu, ma jistgħax jintalab l-iżgumbrament tiegħu, billi sentenza fuq domanda simili ma tkunx eżegwibbli, u ebda valur ma għandha sentenza li mhix kapaċi ta' eżekuzzjoni. Talba simili tkun proposta irritwalment, għax ma tkunx saret fil-konfront tal-interessati kollha.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attriċi, wara li ppremettiet illi hija waħda mill-erbgħa wlied u eredi ta' Michele Zammit, missierha, u l-konvenuti tnejn minn erbgħa wlied u eredi ta' Pasquale Gauci; u billi b'sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Marzu 1911 (dok. A), mogħtija fil-kawża tal-likwidazzjoni tal-assi ereditarju tal-imsemmi Michele Zammit, ġie dikjarat illi l-qbiela tal-għalqa "ta' Ħabel ix-Xieħ", fil-limiti tal-Imqabba, tappartjeni lill-assi ta' Michele Zammit, u mhux lill-imsemmi Pasquale Gauci missier il-konvenuti; u illi l-konvenuti, bla titolu, qegħdin fil-pussess ta' dan il-fond; talbet li l-konvenuti jiġu kundannati jiżgumbraw il-fond fuq imsemmi fi żmien qasir li tagħtihom il-Qorti, għaliex ma għandhomx ebda titolu għall-pussess tiegħu. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut Gauci, fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu, qiegħed sostanzjalment joppponi l-irritwalità taċ-ċitazzjoni, billi l-attriċi ma talbetx li l-lokazzjoni tal-għalqa favur Pasquale Gauci, awtur tal-konvenut, tiġi rexissa;

Illi din l-eċċezzjoni tinvolvi l-indaġini jekk il-pretiża

lokazzjoni hix qegħdha tiġi *mpunjata* jew le skond it-termini taċ-ċitazzjoni. L-attriċi ppremettiet illi din il-Qorti, b'sentenza tal-14 ta' Marzu 1911, iddikjarat "li l-qbiela tal-għalqa in kwistjoni tappartjeni lill-assi ereditarju ta' Michele Zammit, u mhux lil Pasquale Gauci missier il-konvenuti". Verament, dik is-sentenza (li kopja tagħha tinsab eżibita fol. 4) iddikjarat biss li dik l-għalqa kellha tiġi kunsidrata bħala wieħed mill-fondi "che devono formare parte dell'asse in liquidazione", *jiġifieri tal-assi ta'* Michele Zammit; iżda dik is-sentenza ma tiffurmax ġudikat għal Pasquale Gauci, għax hu kien jidher fiha mhux bħala parti, imma biex jassisti biss lill-martu Margherita (Kollez. XXXVII-II-610). *Difatti, kif josserva Baudry*, "gli effetti della sentenza sono limitati alle parti in causa, come gli effetti delle convenzioni si limitano alle parti contraenti — 'res inter alios acta vel judicata aliis nec nocere nec prodesse potest' " (*Obbligazioni* Vol. IV, *§2686*). Ta' l-istess fehma huwa Borsari (Commentario del Codice Civile Italiano, art. 1351, §3325). Konsegwentement, l-attriċi ma tistgħax tinvoka l-imsemmija sentenza fil-konfront tal-konvenuti, eredi ta' Pasquale Gauci, kif qegħdha tippretendi f'din il-kawża;

Illi, taħt dawn iċ-ċirkustanzi, u sakemm ma tiġix impunjata l-lokazzjoni "de qua" bil-mod *u fil-konfront* tal-interessati kollha kif trid il-liġi, ma jistgħax jingħad illi l-konvenuti qegħdin jippossjedu l-għalqa mingħajr titolu;

Illi, anki kieku kien aċċettabbli l-assunt tal-attriċi, ma għandux jintnesa li hija qegħdha titlob l-iżgumbrament kontra l-konvenuti bħala tnejn mill-erbgħa wlied u eredi ta' Pasquale Gauci. Issa, huwa prinċipju illi ma jistgħax jintalab l-iżgumbrament ta' min ikun jokkupa porzjoni indiviża mil-fond, anki jekk ikun intruż jew bla titolu, peress li s-sentenza fuq domanda simili ma tkunx eżegwibbli (Kollez. XXII-I-34); u huwa wkoll magħruf illi ebda valur ma għandha sentenza li mhix kapaċi ta' eżekuzzjoni (Kollez. XXII-I-1). Konsegwentement, it-talba attriċi, billi ma saritx fil-konfront tal-interessati kollha, mhix ritwalment proposta;

Illi, "rebus sic stantibus", ma hemmx bżonn li jiġu

eżaminati l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuti;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Prevju, għall-bżonn, riġett tal-ġudikat naxxenti mis-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Marzu 1911;

Tilqa' fis-sens fuq imsemmi l-eċċepita irritwalità tal-ġudizzju;

U konsegwentement tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju.

L-ispejjeż jitħallsu mill-attriċi.